MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Avviz Numru. 76/2013

**Atlas Tool Engineering Company Limited [C 2807]**

**vs**

**Justin Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici li gie ipprezentat nhar il-15 ta’ Marzu 2013 fir-Registru ta’ din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma dovuta lilha ta’ disat elef, mitejn u tlieta u sittin ewro (€9,263), riferibbilment ghal zewg *invoices* numerati 3183, 3184 u ghall-*purchase order* numerat 10912 li jirreferu ghall-provvista ta’ servizzi u materjal mis-socjeta’ rikorrenti gewwa l-Biccerija tal-Marsa b’inkarigu tal-intimat, kollox kif jirrizulta mill-istess *purchase order* emessa u ffirmata mill-intimat stess fuq citata, datata 13 ta’ Settembru 2012, u mill-invoices relattivi.

Illi s-socjeta’ rikorrenti diga’ pprocediet kontra l-intimat permezz ta’ ittra ufficjali ezekuttiva intavolata ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghal liema ittra ufficjali l-intimat wiegeb u qal li hu ma hallasx lis-socjeta’ mittenti ghaliex minn naha tieghu hu ma thallasx minn terzi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-19 ta’ Dicembru 2012 u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali ezekuttiva tad-19 ta’ Dicembru 2012 (Dokument RA1 u RA2 annessi), kontra l-intimat ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta’ April 2013 deher il-konvenut u spjega illi l-mertu tal-kawza illum jinsab ezawrit stante li diga’ sar il-pagament kif mitlub fir-rikors promotur ghalkemm jirrizulta mill-verbali tat-22 ta’ Mejju 2013 u tas-26 ta’ Gunju 2013 li l-ispejjez inkorsi ma gewx imhallsa.

Illi fis-seduta tad-9 ta’ Lulju 2013 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut limitatament dwar l-ispejjez.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta’ Lulju 2013 u fis-seduta tal-15 ta’ Lulju 2013 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba rikorrenti u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensuri tal-partijiet jiddikjaraw li l-ammont mitlub fir-rikors promotur gie imhallas fil-mori ta’ din il-pendenza pero’ l-ispejjez ghadhom pendenti;

**Il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba rikorrenti u tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza kif mitluba fir-rikors prmotur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------